MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Avviz Numru. 1078/1999/1

**Rita Bonnici u Edgar Bonnici**

**Vs**

**Mid-Med Bank p.l.c. u b'nota tat-30 ta' Marzu 2000 is-socjeta' HSBC Bank Malta p.l.c. assumiet l-atti**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex is-socjeta' attrici tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess atturi is-somma ta' Lm665.26c (sitt mija u hamsa u sittin lira u sitta u ghoxrin centezmu) liema somma l-konvenut indebitament ha meta iddebita minghajr ebda raguni valida fil-ligi il-kont bankarju taghha numru 164199198; bl-ispejjes inkluz l-ittra ufficjali tat-29 ta' Gunju 1999;

Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 4 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. It-talba tal-atturi konjugi Bonnici ghandha tkun respinta bl-ispejjes kontrihom stante li l-atturi huma debituri tas-socjeta' eccipjenti, u biex tissodisfa parti mill-kreditu taghha kontrihom, is-socjeta' eccipjenti ipprelevat l-ammont reklamat mill-atturi f'din il-kawza minn kont bankarju li ghalkemm intestat lill-attrici kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn l-atturi.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 7 u 8 tal-atti.

Semghet it-trattazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, fil-qasir, il-fatti in esami kif risultanti minn dawn l-atti, huma s-segwenti:-

a) Di gja saret referenza ghall-verbal tas-seduta li nzammet fl-20 ta' Marzu 2000 u minn dan jirrisulta illi l-partijiet f'din il-kawza ddikjaraw li l-ammont mertu ta' din il-kawza jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn l-atturi.

Inoltre l-Bank konvenut ghandu pretesjoni kontra <u>l-attur wahdu</u> u din teccedi l-ammont mitlub f'din il-kawza u l-attrici ma hiex involuta fil-proceduri relattivi. Pero dan il-kreditu allegatament dovut mill-attur mill-istess Bank jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti 'li taghha (l-attur) kien il-kap meta gew intavolati l-proceduri'. Dwar dan l-attur irrileva li l-pretenzjoni tal-Bank konvenut tirrigwarda l-esercizzju ta' kummerc da parti tal-attur u ghalhekk ma hux wiehed kontra l-istess komunjoni. Fl-ahhar nett, l-ammont pretiz mill-attur, skond ma ddikjara l-istess Bank konvenut, jinsab depositat fi 'suspense account', mhux accessibbli u disponibbli lill-attrici.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici spjegat (fol 11, fol 18 u fol 21 et seq ibid) illi kellha kont, aktarx 'savings account' u fuq isimha biss mal-Bank konvenut, liema kont kellu n-numru 164 199 198. Hi ssostni li dan il-kont bankarju kien gie miftuh minnha qabel iz-zwieg taghha mal-attur. Inoltre meta, f'okkazjoni, kienet marret sabiex tizbanka flus minnu kienet giet informata illi '… ma fadalx fondi go fih'. In kontro ezami, hi qalet illi ma kienet sabet ebda 'statement' antik izda xorta wahda sostniet li l-istess kont kien infetah minnha hames snin qabel iz-zwieg taghha jew 'sena jew sentejn' qabel u fil-fergha tal-Mellieha. Wara iz-zwieg hi kienet fethet kont iehor izda ma' Bank iehor izda, fil-kont involut f'din il-kawza, hi, baqghet tiddeposita flus go fih anke waqt iz-zwieg.

Illi, dwar l-attur, (fol 13 ibid), dan sostna illi hemm debitu kontestat mal-Bank konvenut u dan soggett ghal kawza anzi 'hafna kawzi' bl-ahhar wahda intavolata fl-1999. Dwar is-self li nghata mill-Bank konvenut, hu sostna li martu qatt ma kienet involuta fih u lanqas ma hi involuta fl-imsemmija kawzi. Inoltre hu ppreciza illi dawn il-kawzi saru kontra tieghu jew minnu avolja kien hemm involuta terza persuna fin-negozju mieghu izda estranea ghal dawn il-proceduri. Fl-ahhar nett, hu jsostni illi mis-self originali ta' Lm1000 hu kien hallas Lm800 'kif ukoll xi pagamenti ohrajn'.

Ikkunsidrat

Illi l-Bank konvenut pproduca lill-Prokuratur Legali Adrian Borg (fol 24 u fol 42 et seq ibid) li esebixxa diversi 'statements' dwar il-kont in esami li kien tat-tip 'savings' (fol 26 sa fol 40 ibid). Hu ppreciza illi l-kont bin-numru korrett 164189198 kien fuq isem Rita Bonnici u kien infetah fl-4 ta' Ottubru 1991. Matul is-snin kien hemm diversi krediti inklusi imghaxijiet u debiti vis-à-vis l-istess kont sakemm, fit-13 ta' Jannar 1999, kien hemm kreditu ta' Lm628.26. Sussegwentement fit-18 ta' Gunju 1999 kien hemm bilanc ta' Lm674.57, li gie rtirat mill-Bank

konvenut u tpogga fl-imsemmi 'suspense account' u dan "…sabiex naraw jekk il-Bank hux intitolat ghal 'set off' " meta l-kwistjonijiet pendenti mal-attur jigu solvuti. Hawnhekk ix-xhud semma li dan il-kont kien fil-fergha ta' Birkirkara u mhux tal-Mellieha u f'din il-fergha ma nstabu l-ebda 'statements' precedenti ghad-data msemmija tal-4 ta' Ottubru 1991, meta l-istess kont kien infetah. Inoltre ma setax jghid kif suggerit mill-abili difensur tal-atturi, dwar jekk originarjament il-kont kien fil-fergha, tal-Mellieha sussegwentement trafserit f'dik ta' Tas-Sliema u fl-ahhar nett ta' Birkirkara (ara b'mod partikolari fol 42 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dawk premessi huma l-provi u fatti in esami u a bazi taghhom qed jigu rilevati s-segwenti punti:-

a) Kif jidher mill-premess jidher li l-atturi jikkontendu l-kont in kwistjoni jappartjeni lil beni parafernali tal-attrici. Pero dan il-punt ma irrisultax, b'mod car, mill-provi. Jigi notat li l-artikolu 1321 ighid illi il-beni kollha li l-mizzewgin jkollhom jew parti minnhom ikollha, jitqiesu li jaghmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkun approvat xort ohra. A bazi ta' din il-presunzjoni 'juris tantum', l-oneru tal-prova li l-kont hu wiehed parafernali tal-attrici kien jispetta lilha u minn ezami tal-provi hemm indizji ragjonevoli illi, fil-fatt, dan ma hux minnu specjalment mix-xhieda tal-Prokuratur Legali Adrian Borg. Ghalhekk, l-istess kont, minhabba in-nuqqas ta' provi sufficjenti li jsir il-kuntrarju ghandu jigi konsiderat bhala appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti.
b) Il-Bank konvenut jammetti li l-bilanc fl-istess kont kien gie sbankat minnu u tpogga dejjem minnu, f'kont iehor ('suspense account'), kif deskritt, u ghalhekk il-flus depositati fih ma kienx aktar disponibbli ghall-attrici.

Illi, dwar dan l-agir da parti tal-Bank konvenut, din l-imgieba giet gustifikata mill-istess Bank billi skond kif xehed il-Prokuratur Legali Adrian Borg, l-istess flus kellhom jservu bhala 'set off' in konnessjoni ma pretenzjoni ta' hlas li l-istess Bank jivvanta kontra l-attur.

Illi, sallum, din il-Qorti qatt ma giet informata dwar x'kien l-esitu ta' procedura legali li ttiehdu kontra l-attur, dwar dak li ghadu kemm intqal.

Illi, fl-isfond ta' dan, il-Qorti trid tara jekk tali agir da parti tal-Bank konvenut setax jsir legalment.

Illi, skond il-ligi, il-Qorti tara li l-istess Bank kellu jagixxi kif ukoll kreditur ghandu meta jivvanta kreditu kontra persuna ohra, cjoe billi jikkawtela tali dritt permezz ta' att kawtelatorju skond il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi jitlob il-hrug tal-opportun mandat kawtelatorju.

F'dan il-kaz, dan ma garax u l-Qorti ghandha l-impressjoni li l-istess Bank ha l-ligi f'idejh ('ragion fattasi') minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti. Konsegwentement l-istess Qorti tara li l-agir ta' parti tal-Bank ghandu jigi konsiderat bhala null u bla effett u konsegwentement it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-Bank konvenut sabiex jhallas lill-attur s-somma ta' Lm665 ossija €1549.03 bl-imghax legali mit-18 ta' Jannar 1999 id-data meta l-istess flus gew sbankati, sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------